**28 ta' Lulju, 1988**

**Imħallef: –**

**Onor. Carmel A. Agius B.A. LL.D.**

Il-Pulizija (Spettur Joseph Psaila)

*versus*

George Bellizzi, Paul Cremona u Joseph Armeni

**Approprjazzjoni Indebita – Enunċjazzjoni Żbaljata u Inkompleta tal-Liġi – Dritt ta' Appell ta' l-Avukati Ġenerali – *Codice Delle Due Sicilie***

*Kemm skond il-liġi kif ukoll skond ġurisprudenza kostanti, l-Avukat Ġenerali għandu dejjem dritt ta' appell trattandosi ta' sentenza li fiha jkun hemm enunċjazzjoni żbaljata u inkompleta tal-liġi.*

*Skond l-artikolu 293 tal-Kodiċi Kriminali hu ħati ta' approprjazzjoni indebita anke min jagħmel użu mill-oġġetti fdati lilu divers minn kif speċifikat mill-persuna li kkonsenjatlu l-oġġetti, u dan l-użu divers jagħmlu bi profitt għalih jew għal ħaddieħor.*

*Bejn l-artikolu 293 tal-kodiċi tagħna u l-artikolu 646 tal-Kodiċi Penali Taljan hemm differenzi notevoli.*

Il-Qorti: –

Rat l-akkużi miġjuba kontra l-imputati talli George Bellizzi u Paul Cremona f'dawn il-Gżejjer matul dawn l-aħħar xhur bħala impjegati pubbliċi mal-*Public Works Department* għal xi vantaġġ tagħhom għamlu użu ħażin minn flejjes tal-Gvern jew tal-privat, jew ħwejjeġ mobbli illi kienu fdati lilhom minħabba l-kariga jew impjieg tagħhom bi ksur ta' l-artikolu 125 tal-Kodiċi Kriminali;

Barra minn hekk appropjaw ruħhom billi dawru bi profitt għalihom jew għal persuna oħra minn ħaġa ta' ħaddieħor li kienet fdata lilhom taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat u dan bi ksur ta' l-artikolu 307 u 308 tal-Kodiċi Kriminali;'

Joseph Armeni ġie akkużat b'kompliċità fid-delitt ta' approprjazzjoni bla jedd magħmul minn George Bellizzi u Paul Cremona, kif imsemmi aktar 'il quddiem;

Rat l-Att tar-Rinviju tad-29 ta' Lulju, 1986 (fol. 137) fejn l-Atti ġew rimessi lill-ewwel Qorti – fil-konfront ta' l-imputati **George Bellizzi** u **Paul Cremona** – peress li tista' tinstab ħtija

taħt dak li hemm ikkontemplat fl-artikoli indikati fl-istess Att;

Rat il-verbal tad-29 ta' Settembru 1986 (fol. 138) fejn l-imputati ddikjaraw li jridu li l-każ tagħhom jiġi ttrattat u deċiż *minn dik* il-Qorti;

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta tal-21 ta' Jannar, 1988 li biha ma sabitx lill-imputati George Bellizzi u Paul Cremona ħatja ta' l-akkużi dedotti kontra tagħhom u għalhekk illiberathom u dan wara li kkunsidrat:

"L-artikoli tal-liġi li fuqhom l-Avukat Ġenerali qed jibbaża l-akkużi kontra l-imsemmija żewġ imputati, huma l-artikoli 293 u 294 tal-Kap. 9 tal-Kodiċi Kriminali li jikkontemplaw ir-reat ta' 'Apporoprjazzjoni Indebita';

"Il-kwadru tal-fatti li ddelinea ruħu mill-kumpless tal-provi akkwisiti huwa s-segwenti: L-imputati George Bellizzi u Paul Cremona, żewġ impjegati mal-Gvern fil-*Public Works Department* bħala *'heavy plant drivers'* meta kienu qegħdin jaħdmu fit-territorju magħruf bħala taż-Żokrija fil-Mosta, ftehmu ma' ċertu Joseph Armeni li jħammlulu l-*plot* tiegħu f'dawk l-inħawi versu l-prezz ta' Lm70. Waqt li Paul Cremona kien qed iħammel din il-*plot*, bil-*bulldozer* proprjetà tal-Gvern, ġie sorpriż mis-superjur tiegħu. Għalhekk ix-xogħol fil-*plot* ta' Joseph Armeni ma ġiex ikkompletat, u l-prezz miftiehem ma ġiex versat;

"Dawn huma l-istruttura tal-fatti li minnhom oriġina l-proċess odjern, u li l-Qorti f'dan l-istadju ser tikkonsidra u tivvaluta fid-dawl tal-kunċett ġuridiku ta' l-Indebita Approprjazzjoni. L-artikoli tal-liġi, ipprecitati jiddisponu li dan

ir-reat jiġi kommess minn min japproprja ruħu, billi jdawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li tkun ġiet fdata jew ikkonsenjata lilu taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat;

''In-nozzjoni ġuridika ta' l-approprjazzjoni indebita kkontemplata fil-Kodiċi Kriminali lokali hija bażikament simili għall-kunċett kif defenit u espress fil-Kodiċi Penali Taljan u preċiżament fl-artikolu 646 ta' dak il-Kodiċi;

''L-aspett materjali tar-reat *in parola* jikkonfigura bl-'approprjament' ta' l-oġġett passiv tar-reat; u ċjoè meta l-aġent *''si comporta verso la cosa* ***come se fosse propria,*** *e cioè assumersi arbitrariamente, arrogarsi poteri del proprietario'' (Antolisei).* Dan ifisser illi biex jiġi sodisfatt l-*Actus Reus* irid jiġi ppruvat li l-imputati riedu jeżerċitaw fuq l-oġġett drittijiet appartenenti lill-proprjetarju *''alienandola, donandola, rifiutandosi, di restituirla, nascondendola ecc.''.* Jgħid validament l-awtur Taljan Luigi Delpino in materja:

*La giurisprudenza (Italiana) ritiene che* ***un uso più ampio*** *della cosa rispetto al consentito non sia di per sè sufficiente ad integrare l'elemento materiale del reato;*

*Nello stesso senso, in dottrina è Pedrazzi, secondo il quale l'uso indebito della cosa da parte del possessore oltre i limiti contenuto nel titolo che leggittima il possesso stesso, se è contenuto in un abuso di possesso non accompagnato però dall'intenzione di appropriarsi della cosa, non integra gli estremi del reato!;*

*(Diritto Penale – Parte Speciale Pagina 576 – Luigi*

*Delpino – 1986);*

"Dan ifisser illi għandha ssir distinzjoni bejn meta bl-użu tal-ħaġa, l-aġent jagħmilha tiegħu ossia jeżerċita drittijiet ta' Proprjetarju fuqu u l-każ fejn huwa sempliċement jabbuża mill-pussess tal-ħaġa. Fl-ewwel lok jikkonfigura l-approprjament ikkontemplat mil-liġi bħala rekwiżit tar-reat ta' approprjazzjoni indebita, mentri fit-tieni lok hemm biss ***'un momentaneo uso arbitrario della cosa'*** li mhux suffiċjenti biex jintegra l-aspett materjali tar-reat;

"Dawn il-premessi legali jidhru li huma konformi mas-sistema penali lokali *'in subjecta materia'* u l-Qorti issa ser tgħaddi biex teżamina l-fatti emersi fil-każ odjern, fid-dawl tas-suespost";

*Omissis;*

Rat ir-rikors ta' l-Appell ta' l-Avukat Ġenerali li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok issib lill-akkużati appellati ħatja ta' reati dedotti kontra tagħhom u tgħaddi biex tinfliġġi l-piena skond il-liġi;

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta' Marzu, 1988 minn fejn jirriżulta li l-appellati eċċepew in-nullità ta' l-appell billi sostnew illi fil-każ preżenti illi l-Avukat Ġenerali ma għandux dritt ta' Appell;

Rat l-atti tal-kawża li huma rilevanti;

Semgħet it-trattazzjoni fuq din l-eċċezzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi dikjaratament l-Avukat Ġenerali qiegħed jibbaża l-Appell tiegħu minħabba allegata enunzjazzjoni żbaljata u inkompleta tal-liġi da parti ta' l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata. Issa ma hemmx dubju illi kemm skond il-liġi kif ukoll skond il-ġurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti, l-Avukat Ġenerali għandu dejjem dritt ta' appell trattandosi ta' sentenza li fiha jkun hemm enunċjazzjoni żbaljata u inkompleta tal-liġi;

Issa skond l-Avukat Ġenerali appellant, l-Awturi Taljani iċċitati mill-ewwel Qorti li jikkomentaw fuq l-artikolu 656 tal-Kodiċi penali Taljan ma jaqblux mal-liġi tagħna. Difatti l-artikolu 646 jgħid (*"Chiunque, per procurare a se o ad altri un ingiusto profitto, si appropria il denaro o una cosa mobile altrui di cui abbia, a qualsiasi titolo, il possesso, e punito....."*);

L-artikolu rilevanti tal-Kodiċi Kriminali tagħna ċjoè l-artikolu 293 jgħid li kull min japproprja ruħu, billi jdawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, mill-oġġett li tkun ġiet ikkonsenjata jew fdata lilu taħt it-titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, ikun ħati ta' approprjazzjoni indebita. Minn dan jidher ċar skond l-appellant li skond il-liġi tagħna hu ħati ta' approprjazzjoni indebita anke min jagħmel użu mill-oġġetti fdati lilu divers minn kif speċifikat mill-persuna li kkonsenjatlu l-oġġetti u dan l-użu divers jagħmlu bi profitt għalih jew għal ħaddieħor;

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti mingħajr eżitazzjoni ta' xejn hi tal-fehma illi l-aplpell ta' l-Avukat Ġenerali huwa radikat skond il-liġi.

Infatti bejn l-artikolu 293 tal-Kodiċi tagħna li jittratta dwar l-approprjazzjoni indebita u bejn dak tal-Kodiċi penali Taljan, l-artikolu 646, hemm differenzi notevoli illi minħabba dak li ser jiġi deċiż f'din is-sentenza, din il-Qorti jidhrilha li m'hux korrett li għall-mument tidħol fihom. Infatti hu saput illi l-oriġini ta' l-artikolu 293 tal-Kodiċi nostran jinsab fl-artikol 430(1) tal-*Codice delle due Sicilie.* Effettivament jekk wieħed iħares lejn it-*test* ta' dan is-subartikolu kif ukoll tat-tieni subartikolu ta' l-artikolu 430 tal-Kodiċi tad-*Due Sicilie* u jikkomparah ma' l-artikolu 646 tal-Kodiċi Penali Taljan tal-lum jinduna malajr illi n-nozzjoni legali tad-delitt ta' l-approprjazzjoni indebita m'hix l-istess fiż-żewġ artikoli. Dan ikkunsidrat, minħabba li s-sentenza appellata tidher illi hija bbażata fuq l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' l-approprjazzjoni indebita fil-liġi Maltija bbażata però fuq in-nozzjoni legali u l-ġurisprudenza tal-Kodiċi Taljan, il-Qorti hi tal-fehma illi l-appell ta' l-Avukat Ġenerali huwa radikat tajjeb u għal dawn il-motivi tiċħad l-istess eċċezzjoni ta' l-appellati rigwardanti l-allegata nullità ta' l-appell u konsegwentement tordna l-prosegwiment tas-smigħ ta' l-appell skond il-liġi.